MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 127/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Joseph Vassallo**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Vassallo detentur tal-karta tal-identita` numru 8863(M).

Akkuzat talli:
1. Matul is-sena 2008 u 2009, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq

ta’ aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta’ Carmel Magro (K.I. numru 184866M);

2. Talli matul is-snin 2008 u 2009, f’dawn il-Gzejjer, approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju; u dan ghad-detriment ta’ Carmel Magro (K.I. numru 184866M).

Rat it-talba tal-prosekuzzoni sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja datata hamsa (5) ta’ Awwissu 2010 u li dawn inqraw u l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tisma’ din il-kawza bi procedura sommarja .

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija msejjsa taht l-Artikoli tal-Frodi fil-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi l-fatti li taw lok ghall-imsemmija vertenza huma; u dan anke kif gie gie rrapportat mix-

xhieda tal-prosekutrici fis-7 ta’ Lulju 2010 Yvonne Farrugia; li certu Carmelo Magro li kellu hanut li fost affarijiet ohrajn kien ibiegh l-arloggi Rolex kien cemplilha u beda jispjegalha l-istorja x’gara. Illi huwa qallha illi kien jaf lil certu Joseph Vassallo peress li dan kien ghamel zmien jahdem go hanut tal-arloggi u dan beda jbieghlu arloggi sabiex Vassallo ibieghhom fuq l-idejn. Darba minnhom Vassallo kien ha zewg arloggi fil-15 ta’ April tal-2008 bil-prezz ta’ Eur 5,200 liema ammont Vassallo kien hallashom b’zewg cekkijiet ta’ Eur2,600-il wiehed. Illi rrizulta li Magro ma setax isarraf dawn ic-cekkijiet ghax il-bank qallu li ma kienx hemm fondi. Sussegwentement Vassallo kien qallu li kien qed jipprova igib overdraft mal-bank izda dan qatt ma sar.

Illi rrizulta illi dan il-kont minn fejn hargu c-cekkijiet kien inghalaq ftit xhir wara u cioe` f’Awwissu tal-2008, izda meta inhargu c-cekkijiet ma kienx hemm flus fil-kont.

Illi fuq kontro-ezami tad-difiza, ix-xhud qalet illi eventwalment u wara li kien tressaq il-Qorti l-imputat hallas lil Magro is-somma ta’ Eur2,329.39 f’Marzu tas-sena 2010 u l-bilanc thallas ukoll ftit wara kif fil-fatt ikkonferma sussegwentement il-parte civile bil-gurament.

Illi mix-xhieda tal-istess Magro hareg illi meta Vassallo hallsu b’cekk tat-tieni arlogg, dan kien qallu li qed jinnegozja mal-bank sabiex jiehu overdraft u ghalhekk ma kienx hemm problema.

Illi mix-xhieda tal-imputat Joseph Vassallo a fol 67 tal-process hareg illi l-imputat ilu jaf lil Magro ghal diversi snin u f’dawn is-snin huma kellhom diversi kollaborazzjonijiet ta’ xoghol bejniethom fejn Magro kien itih arloggi biex Vassallo kien ibieghhom.

Illi f’din l-okkazjoni partikolari, Vassalo jghid illi hu kien ha dawn iz-zewg arloggi, ta lil Magro zewg cekkijiet bl-intiza li dawk ghandhom iservu bhala garanzija sakemm ibieghhom. Hu jghid illi fil-fatt ghamilielu cara lil Magro li kien nieqes mill-flus f’dawk iz-zminijiet u li ghalhekk ma kellux isarraf ic-cekkijiet sakemm ma jithallas ghall-

arloggi. Jghid ukoll illi kemm-il darba qallu sabiex jaghtih cans biex ihallas izda minhabba l-fatt li Magro kellu bzonn il-flus ghax kien qieghed jizviluppa xi propjeta`, huwa ma stenniex u ghalhekk mar ghand il-pulizija.

Rat illi prosekuzzjoni biss ipprezentat nota ta' sottomissjoni filwaqt illi d-difiza; ghalkemm inghatat diversi okkazzjonijiet; ma ipprezentat l-ebda nota' ta' sottomissjoni.

Ikkunsidrat illi biex din il-kawza tirnexxa irid jigi ppruvat l-ewwel haga l-*anumus defraudandi* minn naha tal-imputat u ghalhekk mhux sufficjenti l-fatt illi kien hemm zewg cekkijiet li ma setghux jigu msarrfa biex din il-kawza tirnexxi, izda il-prosekuzzjoni kellha tipprova wkoll illi dan il-fatt kien ukoll akkumpanjat mal-istat mentali tal-imputat sabiex jiffroda lit-terz. Dan il-Qorti setghet tikkostatah mill-fatti antecedenti tal-hrug tac-cekkijiet kif ukoll mill-mod kif xehdu l-imputat u l-parte civile. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi sussegwentement wara li giet inizjata din il-kawza, l-imputat hallas a saldu ta' kull pretensjoni lil parte civile Carmelo Magro.

Illi gustament kif gie kkwotat mill-prosekuzzjoni fin-nota taghha bis-sentenza ***Il-Pulizija v. Philip Petroni (QA 16.3.1999)*** irid ikun hemm certu element ta' *mise en scene*, u anke jekk f'din is-sentenza intqal li l-grad ta' tejatralita` m'ghandux ikun ikkumplikat, ghandu jkun hemm xorta wahda.

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ma kienx hemm l-anqas grad zghir ta' *mise en scene* u dan ghaliex il-partijiet kienu jafu lil xulxin ghal diversi snin, kienu ghamlu diversi bicciet negozju ma' xulxin u l-imputat ma ghamel xejn straordinarju sabiex jinduci lil Magro biex jaccetta. Inoltre din il-Qorti thoss u temmen il-verzjoni tal-imputat meta jghid illi dawk ic-cekkijiet kienu bhala garanzija sakemm jithallas tal-arloggi u ghalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat **Joseph Vassallo** tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------